MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 127/2007

Kawza fil-lista: 17

**W H f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri Y**
**vs**
**Y H**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fl-10 ta' Settembru 1981, u minn dan iz-zwieg twieldu zewg t'itfal, X, illum maggjorenni, u Y li twieldet fis-27 ta' Awissu 1998; li "l-hajja konjugali saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, swat, minacci, u ngurji gravi kommessi mill-[konvenut], u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment … u wkoll minhabba nkompatibilita' ta' karattru"; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tippronunzja

s-separazzjoni personali bejniethom bi htija tal-konvenut ghal ragunijiet fuq indikati, kif ukoll minhabba adulterju; [2] tordna lill-konvenut ihallas manteniment lilha ghaliha u ghat-tifla minuri; [3] tafdalha l-kura u kustodja tat-tifla minuri; [4] tapplika fil-konfront tal-konvenut l-artikoli 48, 50 u 51 tal-kapitlu 16; [5][6] ixxolji, tillikwida u tassenja l-komunjoni ta’ l-akkwisti; [7] tordna li l-konvenut jirritornalha l-oggetti dotali u parafernali li jinsabu fil-pussess tieghu; [8] tawtorizzaha tabita fid-dar matrimonjali numru dsatax [19] Triq Monsinjur Arturo Bonnici, Swatar, Msida; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut, wara li attribwixxa l-htija tas-separazzjoni lill-attrici fit-termini ta’ l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16, oggezzjona li jaghti manteniment lill-attrici, stante li din kapaci tahdem, filwaqt li mhux dovut minnu manteniment ghat-tifla minuri peress li dina fil-fatt tghix mieghu, u ghalhekk il-kura u kustodja tat-tifla ghandha tinghata lilu, b’ access favur l-attrici; oppona ghall-kumplament tat-talbiet attrici, salv ghal dawn li jirrigwardaw ix-xoljiment tal-komunjoni;

Rat il-kontro-talba prezentata mill-konvenut rikonvenzjonant, u li tinsab inserita fil-process a fols.25 sa 29, u li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A];

Rat ir-risposta guramentata prezentata mill-attrici rikonvenzjonata, u li tinsab inserita fil-process a fols.32 sa 33, u li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici B];

Rat ir-rapport ta’ l-Avukat tat-Tfal Dottoressa Tatienne Cassar; [1]

Rat l-atti kollha, inkluzi l-affidavits, prezentati;

[1] Vol.3 – fols.620 et seq.

Rat li l-kawza kienet giet differita diversi drabi, fuq talba tal-partijiet, sabiex dawn jipprovaw jaslu ghal ftehim;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni – Kontro-Talba**
Illi permezz tal-proceduri odjerni l-partijiet qedin jitolbu li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejniethom ghal ragunijiet reciprokament attribwiti. Il-partijiet qed jattribwixxu l-htija tas-separazzjoni lil xulxin in bazi ghall-artikoli 38 u 40 tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta; qed jitolbu wkoll li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Iz-zewg partijiet innegaw il-htija taghhom, u cahdu dak attribwit lilhom mill-parti l-ohra.

**Separazzjoni Personali**
Illi l-partijiet izzewwgu fl-10 ta' Settembru 1981 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewg t'itfal, X li llum hija maggjorenni, u Y li ghadha minorenni.

Illi kagun tal-inkwiet matrimonjali bejn il-partijiet, l-attrici telqet mid-dar konjugali fil-bidu tas-sena 2007 u marret tghix f' wiehed mill-postijiet ta' missierha; filwaqt li l-konvenut baqa' jghix fid-dar konjugali flimkien mat-tfal.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tghid li, sa minn qabel iz-zwieg, il-konvenut kien ghajjur hafna, u kien anke refa' idejh fuqha. Wara z-zwieg, is-sitwazzjoni aggravat fis-sens li kien ikun hemm hafna glied bejn il-partijiet, stante li l-konvenut kien egojist u traskurat, u li, ghalkemm hi kwazi dejjem hadmet matul iz-zwieg, l-oneru kollu tal-hajja matrimonjali u tat-trobbija tat-tfal, kien waqa' fuqha filwaqt li ma kellha ebda ghajnuna mill-konvenut.

Tghid li oneru finanzjarju ghall-bzonnijiet tal-hajja kienet terfghu hi, stante li l-konvenut kien izomm il-paga ghalih, u

ma kienx kapaci jamministraha, tant li kien jisfa' bil-problema tal-flus.

L-attrici takkuza lill-konvenut li ghandu ilsienu hazin, u li kien jghajjarha u jumiljaha anke quddiem in-nies; huwa ragel dominanti, u ma kienx jidjaloga maghha, tant li kien jirrikorri ghal vjolenza fizika fil-konfront taghha.

Tirrakkonta li bejn is-snin 2006/2007 l-konvenut kien sawwatha quddiem it-tifla z-zghira, u ghalhekk hi kienet tissakkar fil-kamra taghha.

Tispjega li hija kienet telqet mid-dar, proprju wara, u minhabba, incident li fih kienet giet imsawta mill-konvenut. Hija prezentat diversi rapporti li kienet ghamlet lill-pulizija, u li jestendu mis-sena 2007 sas-sena 2008. Hija wkoll prezentat kopja ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali li kkonfermat sentenza tal-Qorti tal-Magistrati l'insostanza kienet sabet lill-konvenut hati ta' molestja, ingurja u theddid fil-konfront tal-attrici, u kienet giet imposta garanzija fuqu. Din is-sentenza kienet tirriferi ghal incident li sehh bejn il-partijiet fit-18 ta' Settembru 2007.

Tghid ukoll li, wara s-separazzjoni de facto, il-konvenut kien dahal f' relazzjoni ma' certu Rita Sant, u sussegwentement ma' certu Rhona Baldacchino.

L-attrici cahdet li hi kellha relazzjoni extra-matrimonjali mal-persuni ndikati mill-konvenut, u cioe' ST, Mustafa Mohammed sive Mario, u Y Baldacchino. Hija cahdet kategorikament li kienet tabbuza mill-alkohol.

*Verzjoni Konvenut*
Il-konvenut jghid li l-inkwiet matrimonjali beda fis-sena 2001 meta hu sar jaf mit-tifla l-kbira li l-attrici kienet qeda tohrog ma' ragel ta' nazzjonalita' Gharbija, C sive Mario; filwaqt li sitt xhur qabel, l-attrici kienet bdiet tabbuza mill-alkohol; ukoll kienet titlaq 'il barra mid-dar tard filghaxija u tirritorna fil-5.00 am. Meta kienet tkun taht l-effett tal-alkohol, l-attrici kienet tkun aggressiva, u gieghli hebbet ghalih.

Jghid li huwa kien ipprova nnutilment jghin lill-attrici. F’dan iz-zmien l-oneru tat-trobbija tat-tfal kien waqa’ kollu fuqu; u hu baqa’ jiehu hsieb it-tfal, partikolarment iz-zghira, anke meta l-attrici telqet mid-dar konjugali.

Wara C, l-attrici bdiet relazzjoni ma’ ST li ghandu hanut tad-dvds; u wara, kienet dahlet f’ relazzjoni ma’ Y Baldacchino. Dawn, ikkonfrontati mill-konvenut, kienu qalulu li kienet l-attrici li kienet tiffittahom ghas-sess.

Il-konvenut jispjega li martu kienet telqet mid-dar konjugali, u hallietu jrabbi lit-tifla z-zghira wahdu, sabiex hi tkun tista’ tghix hajjitha. Huwa jispjega li martu kienet telqet mid-dar fil-bidu tas-sena 2007, wara li hu w t-tifla z-zghira kienu siefru flimkien. Meta l-konvenut gie lura sab id-dar zarmata mill-effetti mobbli.

Il-konvenut jichad li kellu problemi sabiex jamministra l-flus, u jghid li, wara li martu telqet mid-dar l-oneru finanzjarju kollu tat-trobbija tat-tifla z-zghira waqa’ kollu fuqu.

Il-konvenut jichad ukoll l-allegazzjoni ta’ martu li hu kien imur ma’ nisa ohra; u jispjega li, wara li martu kienet telqet mid-dar konjugali huwa kien dahal fl-ghaqda tal-persuni separati, u hemm kien iltaqa’ ma’ Rita Sant. Jichad li kellu relazzjonijiet intimi ma’ din il-mara.

*Xhieda ohra*
F’ dan il-kaz, xehdu ST, HR u CD sive Mario.

ST xehed[2] li l-attrici kienet klijenta tieghu, u kienet iccempillu u tibghatlu messaggi tas-spiss. Il-konvenut pprezenta dokument PZ indikati lista[3] ta’ diversi telefonati u messaggi li kienu ghaddew bejn l-attrici u dan ix-xhud, li jirreferu ghas-sena 2006.

[2] Vol.3 - Dep. 19.10.10 – fols, 583 et seq.
[3] Vol.3 – fols.586 et seq.

HR xehed[4] li hu kien xtaq isib partner it-tip tieghu, u kien gab avviz fuq gazzetta, u fuq dan l-avviz, kienet cemplitu, fost ohrajn, l-attrici. Dawn kienu ltaqghu darba. Huwa jghid li ma kienx jaf li hi “kienet mizzewwga u minghalija hi kienet separata.” u kien sar jaf b’ dan, meta kien cempillu l-konvenut. Ix-xhud rega’ ikkonferma li kienet l-attrici li kienet cemplitu wara li kien hareg l-avviz.

CD sive Mario xehed[5] li, fis-sena 2002, meta kien ghadu guvni, hu kien iltaqa’ darba mal-attrici u dawn kien marru bil-karozza taghha jiehdu cafe’ in-naha tal-Imsida.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

Illi ma hemmx dubju li llum l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbi, u li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment. Minn ezami tax-xhieda l-Qorti hi tal-fehema li ghal dan tahti l-attrici primarjament, u sekondarjament u fi grad ferm anqas il-konvenut.

Illi mill-provi jirrizulta li mis-sena 2001, u precizamanet mill-10 ta’ Novembru 2001 l-attrici kienet bdiet tiffrekwenta rgiel ohra, u tabbuza mill-alkohol, bir-rizultat li kienu jinqalghu diversi ncidenti bejn il-partijiet. Id-diversi messaggi li kienet baghtet lil ST; kif ukoll, u b’mod aktar qawwi, il-mod kif l-attrici dahlet f’kuntatt ma’ HR tramite avviz li dan kien gab fuq gazzetta lokali sabiex ifittex partner, u dan fiz-zmien il-konvivenza matrimonjali, jaghtu grad qawwi ta’ konfort lit-tezi tal-konvenut li z-zwieg tkisser minhabba l-imgieba abbuziva tal-konvenuta, li, ghalkemm ma tintegrax il-prova tal-adulterju, izda zgur tikkostitwixxi ingurja gravi da parti taghha fil-konfront ta’ zewgha l-konvenut fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-kapitlu16.

Mill-banda l-ohra, fir-rigward tal-allegazzjoni attrici li l-konvenut okkazzjonalment kien rerfa’ jdejh fuqha u anke ghajjarha, kif jirrizulta wkoll mis-sentenza fuq indikata, il-Qorti tosserva li, ghalkemm fir-risposta guramentata tieghu l-konvenut b’ mod generiku cahad dak attribwit lilu fir-rikors guramentat, izda la fl-affidavit tieghu u lanqas fix-

[4] Vol.3 - Dep. 26.03.2010 – fols.574 et seq.
[5] Vol.3 – Dep.26.03.2010 – fols,.584 et seq.

xhieda tieghu ma cahad dak allegat mill-attrici f'dan ir-rigward. Ghalhekk hu ghandu jgorr parti mill-htija tas-separazzjoni, anke jekk l-incidenti li sehhu lejn l-ahhar tal-konvivenza kienu probabbilment konsegwenzjali ghall-komportament abbuziv ta' martu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba ghas-separazzjoni personali hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi milqugha;  u li ghal dan tahti primarjament l-attrici, u sekondarjament il-konvenut fi proporzjon ta' erbgha minn hamsa [4/5] da parti ta' l-attrici, u kwint [1/5] da parti tal-konvenut.

Illi l-komportament abbuziv tal-attrici u l-grad ta' htija taghha ghandhom jattiraw fil-konfront taghha l-applikazzjoni fl-intier tieghu tal-artikolu 48 tal-kapitlu 14;  u dan mid-data ta' l-10 ta' Novembru 2001

**Kura u Kustodja**

Illi dan il-kap jirriferi biss ghat-tifla Y li twieldet fis-27 ta' Awissu 1998, u li ghalhekk illum ghandha kwazi erbatax-il (14) sena.

Illi b' digriet[6] provvizorju moghti fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2008 din il-Qorti ordnat li l-kura u kustodja tal-minuri tibqa' wahda kongunta, filwaqt li din tibqa' tghix mal-missier, b' access liberu ghall-omm.

Illi b' digriet[7] sussegwenti moghti fl-udjenza tal-20 ta' Mejju 2009, il-Qorti tat lill-attrici "il-fakolta' li darba fil-gimgha bejn il-Gimgha/Sibt u Sibt/Hadd b' mod alternat it-tifla torqod ghand l-attrici, minghajr pregudizzju ghal kull ftehim iehor li jsir bejn il-partijiet."

Illi mir-rapport[8] tal-Avukat tat-Tfal, prezentat fis-6 ta' Dicembru 2010, jirrizulta li fil-mori tal-proceduri l-partijiet kienu lahqu ftehim bejniethom dwar l-access ghat-tifla b' mod li din "tqatta' bejn wiehed u iehor ugwali [anke ljieli] maz-zewg genituri taghha";  u li l-istess minuri ma tixtieqx

[6] Vol.1 – fol.60
[7] Vol3. – fol.549
[8] Vol.3 – fol. 620

li jinbidel dan l-arrangament, u jkun hemm granet fissi ma' xi wiehed jew ohra mill-genituri taghha. Ghalhekk l-imsemmi Avukat irrakkomandat li jibqa' jinzamm l-istatus quo; u din il-Qorti, mhux ser tiddisturba dan il-modus operandi volontarjament milqugh bejn il-partijiet u t-tifla li llum ghandha l-eta' taghha; salv, pero' li fil-kaz ta' dizgwid, jerga' fis-sehh dak ordnat minn din il-Qorti fl-20 ta' Mejju 2009, jew jintalab l-intervent tal-Qorti kompetenti skont il-ligi.

Fic-cirkostanzi huwa opportun li l-kura u kustodja tal-minuri tibqa' wahda kongunta, galadarba ma hemmx kwistjonijiet dwar dan l-aspett tal-kawza.

**Manteniment**
Illi dwar il-manteniment dovut lill-partijiet, is-sitwazzjoni hi li l-attrici ddekadiet minn dan id-dritt; filwaqt li ma jirrizultax li l-konvenut mhuwiex qed jahdem, jew m'ghandux introjtu adegwat biex jghix.

Illi rigward il-manteniment tat-tifla, tenut kont li din tqatta' kwazi hin ugwali bejn iz-zewg genituri, il-Qorti tordna li kull parti thallas ghal bzonnijiet tat-tifla meta din tkun ghandha, izda spejjez ta' edukazzjoni u ta' sahha, kif ukoll bzonnijiet ohra tat-tifla, ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet; filwaqt li c-children's allowance ghandu jinqasam bejn il-partijiet b'mod ugwali u jintbaghat direttament lil kull parti.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi mill-provi jirrizulta li din tikkonsisti fid-dar matrimonjali numru <Indirizz>a tal-valur ta' circa tlett mitt elf ewro [€300,000], u l-mobbli li hemm go fiha; karozza Ford Escort [EBD 665] li qeda fil-pussess tal-konvenut; Mutur tal-marka Honda; u, skont l-attrici hemm ukoll polza t'assikurazzjoni fuq isem il-konvenut. Hemm kontijiet bankarji kongunti kif ukoll separatament.

Illi l-Qorti tosserva li l-provi fir-rigward huma skarsi. L-attrici tghid li l-vettura tiswa' circa €5,000, u l-effetti mobbli [li lanqas gie prezentat elenku taghhom] jiswew komplessivament €7,000; u stante li din ix-xhieda ma

gietx kontraddetta, il-Qorti ser taccetta dawn il-valuri; izda rigward il-polza t'assikurazzjoni peress li m'hemm ebda prova ghajr li din giet indikata mill-attrici fin-nota taghha, din il-Qorti mhux ser tiehu kont ta' din il-polza fil-likwidazzjoni odjerna.

*Kreditu konvenut*
Illi fix-xhieda tieghu mhux kontestata l-konvenut jghid li huwa baqa' jhallas wahdu l-home loan fuq l-imsemmi fond ta' LM164 fix-xahar [illum €382] sabiex il-fond ma jintilifx lill-Bank. Ghalhekk il-konvenut ghandu kreditu kontra l-attrici konsistenti f' nofs il-pagamenti mensili li hu kien ghamel mill-10 ta' Novembru 2001 'il quddiem, u li ser jibqa' jaghmel sakemm tinqata' il-loan mal-bank, jew sakemm jinbiegh il-fond; u l-attrici hi ordnata li mis-sehem taghha tar-rikavat tad-dar matrimonjali thallas lill-konvenut il-valur ta' nofs dawn il-pagamenti.

*Okkupazzjoni Dar Matrimonjali*
Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti tawtorizza lill-konvenut jibqa' jabita fl-imsemmi fond, flimkien mat-tifla minuri, ad eskluzjoni tal-attrici, ghal zmien sena. Fil-komputazzjoni ta' dan il-perijodu l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li matul il-proceduri odjern, li jirrizalu ghas-sena 2007, il-konvenut baqa' jabita fid-dar matrimonjali; ukoll il-fatt li t-tifla llum ghandha certu eta'.

*Assenjazzjoni*
Tordna li d-dar matrimonjali tinbiegh fuq s-suq hieles wara sentejn millum ghall-valur mhux inferjuri ghal dak fuq indikat, filwaqt li l-mobbli jinbieghu ghal prezz ta' mhux anqas minn €7,000; u fin-nuqqas li d-dar u l-mobbli jinbieghu, wara sena mill-gheluq ta' dan il-perijodu, il-fond, flimkien mal-ghamara ta' go fih, jinbieghu taht l-awtorita' tal-Qorti skont il-ligi; u r-rikavat, wara li jithallas minnu d-dejn li talvolta jkun ghadu jaggrava l-istess post, jigi diviz f'zewg porzjonijiet; u porzjoni jinghata lill-attrici, wara li jitnaqqas minnha l-kreditu [nofs il-pagamenti tal-home loan] fuq indikat dovut lill-konvenut u jithallas lill-istess konvenut, filwaqt li l-porzjon l-iehor, hekk mizjud, jinghata lill-konvenut.

Il-vettura u l-mutur, li qed jigu stmati minn din il-Qorti, arbitrio boni viri fl-ammont komplessiv ta’ €5,000, jinghataw lill-konvenut b’ mod li dawn ikunu jappartjeni lilu fl-intier taghhom, filwaqt li dan qed jigi ordnat jghati lill-attrici bhala valur ta’ sehemha s-somma komplessiva ta’ €2,500.

Il-kontijiet bankarji, inkluzi dawk li jirreferu ghal bank cards, li qedin fuq isem il-parti ghandhom jibqghu fuq dik il-parti, filwaqt li dawk kongunti ghandhom jinqassmu bejn iz-zewg partijiet b’mod ugwali, kemm jekk fihom attivi kif ukoll jekk hemm zbilanc;  izda l-home loan ghandha tigi regolata kif fuq indikat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar l-azzjoni billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba limitatament u fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija primarja tal-attrici, u dik sekondarja tal-konvenut;
[2] tichad l-ewwel parti tat-tieni talba, filwaqt li dwar il-manteniment tal-minuri tordna li dan ghandu jigi regolat kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata “Manteniment”;
[3] tilqa’ t-tielet talba limitatament u fit-termini kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata “Kura u Kustodja”;
[4] tichad ir-raba’ talba;
[5] tilqa’ l-hames talba, billi xxolji l-komunjoni tal-akkwisti u tillikwidha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata “Komunjoni tal-Akkwisti”;
[6] tilqa’ is-sitt talba fis-sens kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata “Komunjoni tal-Akkwisti”;
[7] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba’ talba, stante li ma ngabux provi fir-rigward;
[8] tichad it-tmien talba;

Tiddecidi dwar il-kontro-talba billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens gja fuq deciz;
[2] tilqa’ t-tieni talba fis-sens gja fuq deciz;
[3] tilqa’ l-ewwel parti tat-tielet talba fis-sens gja fuq deciz, u tichadha ghall-kumplament;
[4] tilqa’ ir-raba’ parti fis-sens gja fuq deciz;
[5] tilqa’ il-hames parti fis-sens gja fuq deciz;
[6] tilqa’ is-sitt parti fis-sens gja fuq deciz;

[7] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' talba, stante li ma ngabux provi fir-rigward;
[8] tilqa' it-tmien talba limitatament u fis-sens li tawtorizza lill-konvenut jibqa' jghix fid-dar konjugali, flimkien mat-tifla, ad eskluzjoni ta' l-attrici, ghal zmien sena;
[9] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tad-disa' talba, stante li hi superfluwa;
[10] tilqa' l-ghaxar talba;

L-ispejjez, kemm tal-azzjoni kif ukoll tal-kontro-talba, ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet konguntivament, in kwantu ghal kwart [1/4] mill-konvenut, filwaqt li r-rimanenti tlett kwari [3/4] jibqa' a kariku tal-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------